MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Frar, 2010

Talba Numru. 537/2009

**Defranco Enterprises Limited**
**C-5856**

**vs**

**Anjo Limited (C-18352)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta’ Gunju 2009, fejn intalab s-socjeta konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ €700.92c (sebgha mitt euro u tnejn u disghin centezmu) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija ordnata u konsenjata lill-istess socjeta konvenuta.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju prezentat kontestwalment u ta’ l-ittra ufficcjali ai termini tal-artikolu 166A Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta li jgib in-numru 2087/09 u bl-imghax dekorribbli mid-19 ta’ Jannar 2008 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-

socjeta konvenuta li d-diretturi taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni ta’ l-konvenuti nominee sabiex iwiegbu ghalihom bil-gurament taghhom u biex b’hekk il-kreditu hawn pretiz jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Ra illi ghalkemm notifikati legalment il-konvenuti noe naqsu u ma dehrux la fis-seduta tas-26 ta’ Jannar 2010 meta gie pprezentat l-Kapitolu ghas-subizzjoni taghhom u l-anqas ghas-seduta ta’ llum u kwindi ghalhekk in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma kif rikjesta fl-ammont ta’ €700.92c (sebgha mitt euro u tnejn u disghin centezmu)  bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-19 ta’ Jannar 2008 u bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza hekk kif rikjesti kontra l-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------